**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 37/14

**Minuti tal-37 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 7 ta' Jannar 2014.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), il-Viċi President, Joseph Sultana, u l-membri David Apap, Mario Azzopardi, Paul Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Nicky Saliba, Charles Said u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **<u>Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti</u>**

2. Intqalet t-talba. Peress illi l-minuti tas-36 intbgħatu qabel, ġew approvati unanimament.

3. **<u>Korrispondenza</u>**

3.1 Mingħand Guard and Warden Services House Ltd. jinfurmaw lir-Reġjun illi ser japplikaw ir-rata ta' €0.10/hr sabiex tirrifletti l-aġġustament tal-COLA. Is-segretarju qal illi din il-klawsola hija mniżżla fil-kuntratt.

3.2 Mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-problema illi l-Kunsilli Lokali qed jiffaċċjaw fuq l-kura tas-siġar tal-Palm, id-Dipartiment informa illi għadda t-talba għal għajnuna finanzjarja lill-Ministeru għall-Għawdex.

3.3 Mingħand Pio Farruġia Assistent Direttur għal Gvern Lokali, rigward l-impjegati fit-Tribunal Lokali. Is-segretarju informa dwar il-korrispondenza illi kien hemm bejnu u d-Dipartiment tal-Gven Lokali u l-ETC. Il-President talab illi għandha tintalab direzzjoni mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali fuq din il-materja.

3.4 Mingħand Guard and Warden Services House Ltd. jitolbu laqgħa ma' rappreżentanti tar-Reġjun għal 20 ta' Jannar. Peress illi kien hemm xi membri li xtaqu jikkumentaw fuq is-sitwazzjoni tal-infurzar lokali, din il-tema ġiet diskussa aktar tard.

3.5 Mill-*Gozo Action Group* fejn infurmaw illi Dr Samuel Azzopardi appuntat mill-Kumitat Reġjonali sabiex ikun membru tal-GAGF irriżenja nhar is-17 ta' Diċembru 2013. Il-GAGF talab illi l-Kumitat Reġjonali jappunta membru ieħor. Dr Azzopardi qara l-ittra tar-riżenja minn President u membru tal-GAGF u ta spjegazzjoni għalfejn tefa' din ir-riżenja. Il-membri preżenti ġew mistiedna sabiex jinħatar membru ieħor. Ħadd minn dawk preżenti ma wera' interess. Il-President issuġerixxa illi jingħata aktar żmien u din il-materja ser terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

.

**<u>3. Approvazzjoni ta' Pagamenti</u>**

3.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 26 illi tammonta għal €6,174.51 ġiet approvata.

**4. *Street Lighting Devolution Agreement***

4.1 Is-segretarju nforma illi l-aħħar verżjoni tad-draft agreement intbgħatet lill-membri kollha sabiex jaqrawh u jiġu bil-proposti tagħhom. Dan id-draft agreement ġie diskuss u tqajmu diversi punti. David Apap qajjem il-punt illi peress mhux id-dawl kollu ser jiġi devolut lir-Reġjun ser ikun hemm problema jekk ser ikun hemm trasferiment tal-fondi tal-kunsilli lokali allokati għad-dawl lir-Reġjun. Fuq din il-materja, kien hemm qbil illi jekk tintmess din l-allokazzjoni allura d-dawl illi attwalment huwa responsabbiltà tal-kunsilli lokali għandu jiġi devolut kollu lir-Reġjun.

4.2 Is-segretarju qal illi fir-rapport li ħejja dwar dan il-ftehim jidher ċar illi dan jiffoka biss fuq id-devoluzzjoni tad-dawl mill-Enemalta għar-Reġjun peress illi jqis lir-Reġjun u l-kunsilli lokali bħala qafas wieħed. Ġie maqbul ukoll illi d-devoluzzjoni għandha tkun maqsuma fuq żewġ livelli.

- Devoluzzjoni mingħand l-Enemalta għar-Reġjun
- Devoluzzjoni mingħand l-Kunsilli Lokali għar-Reġjun.

4.3 Ġie suġġerit illi jkun numri ċari illi huma kompatibli mal-mappa sabiex meta jkun hemm rapport ma jkunx hemm problemi.

4.4 Iż-żmien minn meta għanda tinbidel bozza maħruqa għandu jkun ta' mhux aktar minn 48 siegħa minn meta jsir ir-rapport.

4.5 Tqajjmu wkoll mistoqsijiet dwar l-ammont li ser jiġi allokat sabiex ir-reġjun ikun jista' jwettaq manutenzjoni fuq id-dawl kif ukoll min ser jiddeċiedi jekk l-arbli jew il-hanging lamps humiex fi stat ħażin illi hemm bżonn jinbidel jew le.

4.6 Dawn il-punti għandhom jiġu mressqa kemm lill-rappreżentanti tal-Ministeru tal-Enerġija kif ukoll lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

**5. Materji oħra**

5.1 Tqajjmu diversi punti dwar is-sitwazzjoni tal-Infurzar Lokali. Diversi membri ressqu lmenti illi ma jidhirx illi hemm progress fil-qasam tal-infurzar lokali minkejja d-diversi wegħdi illi saru fl-aħħar laqgħa ma rappreżentanti tal-Guard and Warden f'Novembru 2013. Ġie maqbul illi għalissa m'għandhiex tintlaqa t-t-talba għal-laqgħa bħalissa.

5.2 Tressaq il-*performance appraisal report* 2013 tas-Segretarju Eżekuttiv. Bil-permess tal-membri s-segretarju ħareġ mill-kamra sabiex il-membri jiddiskutu r-rapport. Il-membri approvaw il-massimu tal-*performance bonus*.

5.3 Ġie diskuss ukoll it-tiġdid tal-kuntratt tal-accountant għal sena oħra kif stipulat fil-kuntratt. Kulħadd qabel illi l-kuntratt għandu jiġi mġedded.

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv